MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Francis X. Ellul
vs
Direttur Generali tal-Qrati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fil-perjodu ta' bejn Ottubru 1990 u Jannar 1994 huwa kien sofra ingustizzja peress li kien ghamel xoghol oltre dak li kien jaqa' taht il-kariga li kien jokkupa fil-Qrati tal-Gustizzja.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:
Li waqt li huwa kien jahdem il-Qorti kien jokkupa l-kariga ta' Machine Operator I u barra dan ix-xoghol huwa kien gie ordnat ukoll biex jaghmel xoghol regolari ta' Usher peress li ma kienx hemm staff bizzejjed biex jaghmel dan ix-xoghol fil-Qorti. Huwa pero` kien jithallas biss is-salarju

ta' Machine Operator I u ma ha xejn ghax-xoghol ta' Usher li kien jaghmel f'dak il-perjodu fejn kien assenjat fl-Awla ta' l-Imhallef (dak iz-zmien Magistrat) Gino Camilleri LL.D.

Illi minhabba dak kollu huwa kien tilef bhala salarju s-somma komplessiva ta' Lm1500.

Illi huwa kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu billi jipproduci xi dokumenti, u jgib ix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jipprova.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju fil-forma ta' kumpens billi jigi ordnat li r-rikorrent jithallas is-somma komplessiva ta' Lm1500 li tirrapprezenta d-differenza fis-salarju ta' Machine Operator I u dak ta' Usher ghall-perjodu in kwistjoni u dana ghar-ragunijiet fuq moghtija.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**NOTA:**
Ra li fis-26 ta’ Gunju 2000 id-Direttur Generali tal-Qrati pprezenta nota li permezz taghha qal is-segwenti:

“Li biha tosserva u tirrileva illi, kemm mir-rizultanzi tar-rikors promotorju u kemm mix-xhieda tar-rikorrent moghtija fil-21 ta’ Gunju 2000, it-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli peress li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 6 tal-Att Nru. VIII tal-1997 Kap. 394.”

It-Tribunal josserva li din in-nota mhix strettament nota ta’ eccezzjonijiet u fi kwalunkwe kaz kienet ferm tardiva meta wiehed jirrejalizza li d-Direttur Generali tal-Qorti gie notifikat fis-7 ta’ Jannar 1998 u n-nota giet prezentata fis-26 ta’ Gunju 2000.

Izda jinghad ukoll li fis-27 ta’ Gunju 2001 intalbet il-korrezzjoni fl-ewwel linja tar-rikors biex il-kliem 1997 jigi

sostitwit ghal 1987 liema notifika saret fit-13 ta' Lulju 2001.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrentipprezenta affidavit u semma li beda jahdem il-Qorti mit-8 ta' Mejju 1987 bhala Machine Operator 1 illum Court Recorder u dam f'dik il-kariga ghal madwar 7 snin. Fl-4 ta' Jannar 1994 ir-rikorrent kien sar Usher u fil-11 ta' Novembru 1997 sar Marixxal u ghadu hekk sal-lum. Semma li bejn Ottubru 1990 u Jannar 1994 kien jahdem ta' Machine Operator 1, u minhabba li kien hemm nuqqas ta' messaggiera kien gie mqabbad jaghmel xoghol ta' Usher u fl-istess hin jiehu hsieb ir-recording. Bhala xoghol kien jghajjat il-kawzi, jiehu hsieb il-processi, iwahhal il-listi, u affarijiet ohra konnessi ma' xoghol tal-Awla.

Dak ix-xoghol kien jikkonsisti fil-kawzi tal-Bord tal-Kera, Bord tal-Qbiela, u l-kawzi tal-Arbitragg dwar l-Artijiet li kienu preseduti mill-Imhallef (dak iz-zmien Magistrat) Dr. Gino Camilleri LL.D. Kien jaghmel ukoll ic-Civil u l-kumpilazzjonijiet kriminali li kien fadallu l-Magistrat. Kien ukoll jinnotifika imma ta' dak ix-xoghol kien jithallas. Hu ilmenta li minhabba dak ix-xoghol extra li ghamel ikkalkula li tilef is-somma ta' LM1500.

Ir-rikorrent qal li x-xoghol ta' Machine Operator jikkonsisti f'li jara li l-makna tahdem tajjeb, li jsir it-testing qabel ma tibda s-seduta u li jara li r-recording qieghed jidhol, li waqt li tkun qiegheda tigi moghtija x-xhieda din tkun qieghedha tigi registrata b'mod tajjeb fuq il-makna u li jbiddel it-tape meta jara li dan imtela kif ukoll jaghmel il-kopji wara s-seduta. Semma li kien sfurzat minn Dr. Kevin Aquilina minhabba nuqqas ta' personnel biex jaghmel ix-xoghol ta' Usher barra x-xoghol proprju tieghu u zied jghid li kien

dam xi sena u nofs jahdem hekk. Semma li hu ma kienx ipprotesta b'mod formali ghax kien jghinu s-Sur Noah Zammit biex ikun jista' jlahhaq.

Xehed Dr. Kevin Aquilina li qal li hu hadem il-Qorti bejn l-1983 u l-1999 u kellu diversi karigi u spicca bhala Assistent Registratur Principali. Qal li lir-rikorrent jafu bhala Machine Operator, wara lahaq Purtier u wara Marixxall. Bejn l-1991 u l-1993 r-rikorrent kien ghamel xoghol ta' Purtier u ta' Machine Operator peress li kien addett mal-Magistrat illum Imhallef Dr. Gino Camilleri. Qal li minhabba shortage ta' staff kienu ordnaw lil hafna minn nies li kienu jahdmu ta' Machine Operators biex jaghmlu xoghol ukoll ta' Purtier. Meta kien mal-Magistrat Camilleri kien jahdem wahdu mhux tnejn minn nies.

Il-promozzjoni ghal Purtier kienet in segwitu ta' applikazzjoni interna li tohrog mill-MPO u l-Public Service Commission u in segwitu kienet tohrog hatra minghand il-Ministru. Fil-personal file ma kienx jinzamm assessment tal-individwu dwar x'tip ta' xoghol ikunu qieghdin jaghmlu l-impjegati specjalment il-Purtiera. Ir-rikorrent kien jaghmel ix-xoghol ta' Machine Operator kif ukoll ix-xoghol ta' Purtier pero` fiz-zewg kazi in konnessjoni max-xoghol tal-awla tieghu.

Xehed Noah Zammit Deputat Registratur mal-Magistrat illum Imhallef Dr. Gino Camilleri u ilu f'din il-kariga mill-1977. Qal li r-rikorrent ilu fl-awla fejn jahdem l-Imhallef Camilleri mill-1990 bhala Machine Operator kif ukoll Messaggier u dam hekk sal-1996 sakemm il-Magistrat sar Imhallef. Illum il-gurnata hemm persuna ohra li taghmel ix-xoghol ta' Machine Operator ghax hu jahdem ta' Marixxall. Qal li x-xoghol tar-rikorrent kemm bhala Machine Operator kif ukoll ta' Purtier kien tajjeb hafna u dwar in-notifiki qatt ma kellhom problemi la mal-Magistrat taghhom u l-anqas ma' Magistrati ohrajn.

Ikkonferma li bejn l-1990 u l-1994 ma kien hemm ebda persuna ohra barra r-rikorrent li kienet tahdem mal-Magistrat Camilleri fix-xoghol ta' Machine Operator u Purtier. Semma li r-rikorrent kien jghidlu li la hu gie ordnat

jaghmel dak ix-xoghol hu jaghmlu. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien juri certa propensita` biex jitghallem u kien isaqsieh hafna affarijiet u huma kienu jikkollaboraw hafna.

Xehed John Schembri Officer in charge tal-Machine Operators li qal li fl-1987 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet minn barra biex jigu ingaggati ghaxar Machine Operators. Qal li fl-1990 kien baghat ghalih Dr. Kevin Aquilina u qallu li lill-machine operators minhabba n-nuqqas ta' staff, ha jkollu juzahom bhala messaggiera wkoll. Ghalkemm oggezzjonaw kellu jgieghelhom jaghmlu hekk. Fost dawk l-ghaxra kien hemm ukoll ir-rikorrent li gie assenjat lill-Magistrat illum Imhallef Dr. Gino Camilleri. Tax-xoghol ta' messaggiera qatt ma thallsu u ma nghataw ebda kumpens iehor. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghol kemm ta' Machine Operator kif ukoll ta' Messaggier u dejjem hadem tajjeb u ma kellux ilmenti fuqu la mill-Magistrat u anqas minn nies ohra. Fil-fatt dam jaghmel dan ix-xoghol sakemm lahaq Purtier.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent huwa bniedem kapaci u habrieki u volunteruz f' xogholu. Irrizulta li bejn l-1991 u l-1994 hu kien qieghed jaghmel xoghol ta' tnejn minn nies u cioe` ta' Messaggier u ta' Court Recorder u li dan ix-xoghol ghamlu kif suppost u ma kienx hemm ilmenti fuqu. Irrizulta li r-rikorrent flimkien ma' numru iehor ta' Court Recorders minflok ma gew moghtija l-promozzjoni gew imgieghla jaghmlu xoghol doppju u superjuri ghall-livell taghhom. Irrizulta car li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni sussegwenti minhabba li ingustament tali applikazzjonijiet damu ma hargu b' mod li ghalhekk ir-rikorrent ma hax il-promozzjoni li certament kienet tisthoqqlu u kawza ta' hekk kellu ghal zmien ta' numru ta' snin jaghmel xoghol superjuri ghar-rank tieghu liema xoghol ghamlu tajjeb.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew

kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Fil-kaz tar-rikorrent it-Tribunal qieghed jichad in-nota tad-Direttur Generali tal-Qorti u peress li jsib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500] kif mitlub mill-istess rikorrent.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------